MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM' AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-7 ta' Diċembru 2015

Rikors Maħluf Numru: 892/14 LM

**Xuereb Bros. Limited (C32854)**

**vs.**

**Kunsill Lokali Siġġiewi u b'digriet tal-20 ta' Novembru 2014 ġie korrett għal Is-Sindku Dr Karol Aquilina u s-Segretarju Eżekuttiv Nikol Baldacchino għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Siġġiewi**

Il-Qorti,

Rat ir-Rikors Maħluf tas-soċjetà attriċi **Xuereb Bros. Limited (C32854)** (minn issa 'il quddiem "is-soċjetà attriċi") ippreżentat fl-14 ta' Ottubru 2014 fejn Noel Xuereb ikkonferma bil-ġurament, u għar-raġunijiet imfissra talbet li din il-Qorti:

*Illi s-soċjetà rikorrenti kellha kuntratt ta' appalt għall-ġbir ta' skart domestiku fil-lokal taħt il-ġurisdizzjoni tal-Kunsill Lokali Siġġiewi;*

*Illi dan il-kuntratt t'appalt, mirbuħ mis-soċjetà rikorrenti permezz ta' sejħa għall-offerti maħruġa mill-istess Kunsill intimat, kellu prezz inkluż it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, varjabbli li jiżdied matul is-snin bir-rati kif dikjarati fl-istess sejħa għall-offerti;*

*Illi l-Kunsill Lokali intimat ħallas lis-soċjetà rikorrenti l-prezz fiss kif kien fl-ewwel sena tal-istess appalt għat-tul tad-durata tal-istess appalt;*

*Illi għalhekk is-soċjetà rikorrenti għandha tieħu l-bilanċ ta' tlettax-il elf u ħames (recte) mitt euro (€13,500) mill-Kunsill intimat u dana stante li l-Kunsill intimat ħallas lis-soċjetà rikorrenti s-somma komplessiva ta' sebgħin elf euro (€70,000) fis-sena kull sena, meta skont it-termini tal-offerta kif aċċettata mill-istess Kunsill, is-soċjetà rikorrenti kellha titħallas €72,000 fit-tieni sena, €74,500 fit-tielet sena u €77,000 fir-raba' u l-aħħar sena;*

*Illi l-bilanċ ta' €13,500 favur is-soċjetà rikorrenti għadhom ma tħallsux mill-Kunsill intimat mingħar ebda raġuni valida fil-liġi, u dan minkejja li ġie debitament intimat li jagħmel dan permezz ta' ittra legali tal-14 ta' Novembru 2013;*

*Għaldaqstant jgħid il-Kunsill Lokali intimat il-għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, li l-Kunsill Lokali Siġġiewi huwa debitur tas-soċjetà rikorrenti Xuereb Brothers Limited fl-ammont ta' tlettax-il elf u ħames mitt euro,*

*bilanċ minn somma ikbar, rappreżentanti l-prezz ta' kuntratt għall-ġbir ta' skart domestiku fil-lokal tas-Siġġiewi, fuq talba tal-Kunsill stess.*

*2. Tordna lill-Kunsill Lokali Siġġiewi sabiex iħallas fi żmien qasir u perentorju lis-soċjetà rikorrenti s-somma ta' tlettax-il elf u ħames mitt euro kif fuq ingħad.*

*Bl-ispejjez u bl-imgħax legali kontra l-Kunsill Lokali Siġġiewi inġunt minn issa għas-subizzjoni.*

Rat it-tieni eċċezzjoni fir-Risposta Maħlufa tal-konvenuti **s-Sindku Dr Karol Aquilina u s-Segretarju Eżekuttiv Nikol Baldacchino għan-nom u in rappreżentanza tal-Kunsill Lokali Siġġiewi** (minn issa 'il quddiem "il-konvenuti") ippreżentata fis-7 ta' Novembru 2014 li tgħid:

*"Illi in vena preliminari, hemm l-inkompetenza rationae materiae u dana stante skont klawżola numru 5 u 23 tat-tender document u tal-kuntratt bejn il-partijiet, hemm ġurisdizzjoni esklussiva tal-Local Government Advisory Board liema ftehim ġie ffirmat mill-partijiet odjerni".*

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti li ġew esebiti mill-kontendenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 t'Ottubru 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni (din trid tigi "t-tieni") tal-Kunsill konvenut għas-7 ta' Diċembru 2015.

Ikkunsidrat:

Illi t-*tender document* u l-kuntratt li ġie ffirmat mill-partijiet (fol 15 sa 16) u l-klawżoli msemmija fit-tieni eċċezzjoni li tassew huma nseriti fihom, jaqraw hekk:

> *"Article 05 – Grievances by Waste Carrier*
>
> *"When a Waste Carrier has any grievances againsts the Council, such grievance shall be made to the Local Government Advisory Board set up to deal with complaints, grievances and allegations against any Local Council Operations." (fol. 20).*
>
> *"Article 23 – Litigation*
>
> *"All disputes in connection with the operation of this contract shall be referred to the Local Government Advisory Board referred to in Article 5." (fol. 25).*

Illi m'hemmx dubju li kwalunkwe tilwima tista' tiġi sottomessa għal deċiżjoni ta' arbitru, anke jekk dan ifisser li f'ċertu sens tiġi sostitwita l-ġurisdizzjoni tal-Qorti. L-anqas hemm dubju li jista' jsir ftehim li jaħseb biex tilwim li jista' jinqala' fil-futur jiġi riferit għal arbitraġġ. Skont Artikolu 15(5) tal-Att dwar l-Arbitraġġ (Kap. 387): "Kull ħaġa li tagħti lok għal kwistjoni, ukoll wara li tkun inbdiet azzjoni legali dwarha fil-qorti, tkun tista', kemm-il darba dik il-ħaġa ma

tkunx waħda minn dawk imsemmija fis-subartikolu (6), titranġa bil-mezz ta' arbitraġġ jekk il-partijiet kollha fit-tilwima jaqblu li jsir hekk."

Illi skont Artikolu 15(3) tal-istess Kap. 387, "Minkejja kull disposizzjoni li hemm fil-Kodiċi ta' Kap. 12. Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jekk parti fi ftehim ta' arbitraġġ, jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa tal-parti, tibda xi proċedimenti legali f'qorti kontra kull parti oħra fil-ftehim ta' arbitraġġ jew xi persuna li tagħmel it-talba permezz jew bis-setgħa ta' dik il-parti, dwar kull ħaġa miftehma li tiġi riferita għall-arbitraġġ, kull parti f'dawk il-proċedimenti legali tista' f'kull żmien qabel ma tressaq xi eċċezzjonijiet jew tmexxi mod ieħor fil-proċedimenti, titlob lil dik il-qorti li twaqqaf il-proċedimenti, u dik il-qorti jew imħallef tagħha, kemm-il darba ma jkunx sodisfatt li l-ftehim ta' arbitraġġ ikun sar inoperattiv jew ma jistax jitkompla, għandha tordna li jitwaqqfu l-proċedimenti"[1]. Rikors jista' jsir minkejja li l-kwistjoni għandha tiġi riferita lill-arbitraġġ biss wara li jiġu eżawriti proċeduri oħra ta' riżoluzzjoni ta' kwistjonijiet."

Illi l-Kunsill konvenut ma użax din il-proċedura li permezz tagħha jitlob li l-proċeduri jiġu sospiżi temporanjament jew indefinittivament u minflok għażel li jressaq eċċezzjoni tal-inkompetenza *rationae materiae* ta' din il-Qorti.

Illi **l-Avukat Angele Vella**, rappreżentanta tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, prodotta mis-soċjetà attriċi xehdet (fis-seduta 11 ta' Frar, 2015) li sa fejn taf hi

[1] Fit-test Ingliż: *"shall make an order staying the proceedings"*.

ma jeżisti, u qatt ma eżista, il-Local Government Advisory Board (fol. 71). Filwaqt li hemm mekkaniżmu fl-istadju tat-tfigħ tal-offerti, li jikkonsisti fi tribunal imsejjaħ Bord tal-Appelli (fol. 70), wara l-iffirmar tal-kuntratt, jekk ikun hemm tilwima dwaru, il-każ normalment jitressaq il-Qorti (fol. 71). Wara li għamlet riċerka mhux biss fid-Dipartiment tagħha imma wkoll mal-Cabinet Office, ix-xhud (fis-seduta 11 ta' Marzu 2015) kienet f'pożizzjoni li tafferma kategorikament li "il-Local Government Advisory Board ma jeżistix", u qatt ma eżista (fol. 77). Semmiet li jeżisti Local Governance Board li iżda m'għandux kompetenza bħalma msemmi fit-tendering document u l-kuntratt inkwistjoni.

Minn riċerka li għamlet din il-Qorti, jirriżulta li dan il-Local Governance Board huwa mwaqqaf taħt il-Local Governance Board Regulations (A.L. 63 tas-sena 2010 - L.S. 363.150) biex jipprovdi rimedju għal amministrazzjoni ħażina minn uffiċjali tal-Kunsilli Lokali u għalhekk ċertament m'għandux ġurisdizzjoni jarbitra fi kwistjonijiet ta' materja kuntrattwali.

Riprodotta mill-Kunsill konvenut (fis-seduta 1 ta' Lulju 2015) Dr. Vella xehdet li lanqas hemm xi bord li għandu l-funzjonijiet ta' dak li skont it-tender document u kuntratt huwa msejjaħ il-Local Government Advisory Board (fol 122). Il-konvenut **Nikol Baldacchino**, Segretarju tal-Kunsill konvenut, xehed li "qas naf x'inhu dan" (fol 84).

Illi fil-fehma tal-Qorti, fuq l-iskorta tal-prinċipju li min jallega jrid jipprova, il-Kunsill konvenut kellu jipprova dak kollu allegat fl-imsemmija eċċezzjoni

tiegħu. Li jfisser li kellu jipprova mhux biss l-eżistenza tal-klawżola arbitrali (kif fil-fatt għamel) imma wkoll l-eżistenza tal-Local Government Advisory Board. Prova li ma rnexxielux jagħmel għax l-anqas ir-rappreżentanta tad-Dipartiment tal-Gvern Lokali, li hija wkoll avukat, ma rnexxielha titraċċja dan il-bord.

Lanqas is-Segretarju Ezekuttiv tal-Kunsill konvenut – li huwa wieħed mill-konvenuti – ma sema' b'dan il-Bord. Huwa kontro-sens li wieħed mill-konvenuti li qed iqajjem l-eċċezzjoni konsistenti fid-deroga tal-kompetenza mill-Qrati ordinarji lejn dan il-Bord, mhux biss jonqos milli jġib prova tal-eżistenza ta' dan il-Bord, imma saħansitra jistqarr li qatt ma sema' bih. Biex jingħad kollox, il-Qorti ssibha stramba kif Advisory Board jista' jkun bord ta' arbitraġġ; għax il-kompetenza ta' "Advisory Board" huwa appuntu li jagħti l-pariri, u mhux jiġġudika jew jarbitra.

Illi ġaladarba ma ġietx ippruvata l-eżistenza tal-Local Government Advisory Board, il-klawżoli arbitrarji msemmija fit-tieni eċċezzjoni huma inoperattivi. Skont Artiklu 985 tal-Kodiċi Ċivili, "Il-ħwejjeġ impossibbli… ma jistgħux ikunu oġġett ta' kuntratt" u għalhekk l-imsemmija klawżoli huma nulli u bla effett legali.

<u>**Decide**</u>

**Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi din il-Qorti qiegħda taqta' kif ġej:**

**Tiċħad it-tieni eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta u tordna li din il-kawża tkompli tinstema' billi jibdew jiġu prodotti l-provi dwar il-mertu.**

**L-ispejjeż ta' din il-proċedura qegħdin jitħallew għas-sentenza finali.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------